HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 09 IT-TNEJN 12 TA' NOVEMBRU 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgha bdiet fis-6.20 ta' filghaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli (fis-6.35), Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Robert Cremona, Jerome Caruana Cilia (fis-6.30), Margaret Mercieca, Antoine Saliba u Sean Meli (fis-6.45).

Il-Kunsillier Charles Farrugia kien skużat.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**09/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 08**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 08 li nżammet nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sebgha Kunsilliera (07) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 08 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**09/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**09/02/01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar il-laqgħa li saret mal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali dwar il-proġett ta' kontra l-għargħar fejn

attenda wkoll il-kuntrattur li ser jahdem fuq il-progett. Il-Kunsill ghandu jigi avvicinat bi skeda ta' xoghlijiet partikolarment fejn jidhol immaniggjar ta' traffiku.

**09/02/02** **Is-Sindku** infurmat li x-xoghlijiet fuq il-bandli beda proprju fi Gnien de La Cruz, u wara ser isegwu go Gnien Tumas Fenech u Gnien Federico Maempel. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsill Malti ghall-Isport beda wkoll ix-xoghlijiet fuq il-bandli tal-gnien tal-Monument tal-Gwerra.

**09/03/03** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia attenda ghal-laqgha fis-06.30pm**.

**09/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ser tigi organizzat harga ghall-anzjoni mill-Kunsillier Charles Farrugia, fejn ser tinkludi zjara lill-President ta' Malta.

**09/02/05** **Il-Kunsillier Ralph Puli attenda ghall-laqgha fis-06.35pm.**

**09/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill gie infurmat verbalment li n-nominazzjonijiet tal-Kunsill ghat-tismija tat-toroq Charlon Borg ma gietx milqugha filwaqt li Goerge Agius ghandha tigi approvata. Madanakollu, peress li kien hemm xi tibdil fil-ministeri, dan il-Kumitat bhalissa mhux jiffunzjona u ghaldaqstant ghalissa mhux ser nircievu din il-komunikazzjoni formali bil-miktub fi zmien qasir.

## 09/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU 2012

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ottubru 2012
**b)** *Bank Payments* Ottubru 2012
**c)** *Petty Cash* Ottubru 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 09/04 MOZZJONIJIET

**09/04/01 MOZZJONI NRU 46/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni Nru 46/2012(VI)

"Sabiex inkomplu insebhu iz-zoni ta' rikreazzjoni madwar il-lokalita', nipproponi biex il-gnien f'Misrah iz-Zebbug isir xoghol ta' miljorament billi :-

a) Jinzebghu il-hitan

b) Jsiru bankijiet godda

c) Terga' tithaddem il-funtana

d) Titranga l-irhama

Nipproponi li dan ix-xoghol isir kemm jista' jkun bir-rizorsi disponibbli tal-Kunsill, u fejn mhux possibli jigu kkuntrattjati s-servizzi rispettivi. "

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi u l-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ssekondaw il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 46/2012 (VI).**
**Is-Sindku semmiet li xoghol simili irid isir ukoll fis-soft areas li hemm fiz-zona ta' Farzina.**

**09/04/02 MOZZJONI NRU 47/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni Nru 47/2012 (VI).

"Sabiex inkomplu insebhu iz-zoni ta' rikreazzjoni madwar il-lokalita', nipproponi biex il-Gnien f'Pjazza Alexandra jsirlu xoghol ta' rinnovazzjoni komplet.

Nipproponi li l-Kunsill iqabbad lill-perit tal-Kunsill biex jipprepara stimi u xoghol preparatorju iehor halli l-Kunsill ikun jista' jissottometti l-applikazzjoni lill-MEPA.

Nipproponi li dan il-progett jigi ffinanzjat mill-Urban Improvement Fund."

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 47/2012 (VI). Il-Kumitat tal-Progetti ghandu jibda jiddiskuti dan il-progett sabiex jsiru l-pjanti tal-progett.**

**09/04/03 MOZZJONI NRU 48/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni Nru 48/2012(VI)

"Wara l-mewt tal-ghannej Qormi, Cikku Degiorgio maghruf bhala 'Cikku tal-Fjuri' u ghaldaqstant biex jibqa mfakkar fil-belt taghna, nipproponi sabiex triq li tkun gdida tigi suggerita li tissemma ghalih."

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 47/2012 (VI). Il-Kunsill qabel li meta jkun hemm xi triq gdida jew bla isem dan l-isem jigi ppropost lill-Kumitat Tismija ta' Toroq.**

**09/04/04 MOZZJONI NRU 49/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni Nru 49/2012(VI)

Biex il-Kunsill Lokali ikun qed jippartecipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;

Biex ikompli jahdem id f'id mal-ghaqdiet lokali;

Nipproponi biex bhalma ghamel fis-snin precedent il-Kunsill Lokali jidhol fi ftehim :-
mal-Ghaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan; mal-Kumitat Festi Esterni San Gorg sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq il-Kbira; mal-Ghaqda Socjo Muzikali Anici sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq San Gwakkin Schembri u l-madwar; mal-Ghaqda Muzikali San Gorg Martri sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Pjazza San Frangisk;

Il-Kunsill jalloka is-somma ta' Eur2000 (zieda ta' Eur800 fuq is-sena l-ohra) li jigu maqsuma fuq iz-zewg parrocci.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 49/2012 (VI).**

**09/04/05 Il-Kunsilliera Sean Meli attenda għal-laqgħa fis-6.45pm.**

## 09/05 RAPPORTI

### 09/05/01 SEJĦIET TA' KWOTAZZJONIJIET: – MANUTENZJONI TAL-ARBLU

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-iskedi ta' kwotazzjonijiet li daħlu :-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ghaqda Muzikali San Gorg | €2000 |
| 2. I I | George Spiteri | €1680 |
| 3. - V | Emmanuel Baldacchino | €1845 |

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex tintaghzel l-orhos kwotazzjoni ġaladarba it-tlett kwotazzjonijiet mitfugħa huma *technical compliant.*

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-Ghaxar (10) Kunsilliera**. Hadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni u għaldaqstant il-Kunsill għandu joħroġ l-ittri ta' aċċettazzjoni lill-kuntrattur, George Spiteri.**

### 09/05/02 SEJĦIET TA' KWOTAZZJONIJIET: – ORGANISING OF DRAMA COURSE

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-iskedi ta' kwotazzjonijiet li daħlu :-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Two Face Drama Group | €25 /lesson |

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex tintaghzel l-unika kwotazzjoni kif gie rakommandat mill-Bord tal-Edukazzjoni ffurmat minnha, mill-Kunsilliera Bjorn Azzopardi u Robert Cremona*.*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-Ghaxar (10) Kunsilliera**. Hadd (0) ivvota kontra u ma

kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni.**

**09/05/03 SEJĦIET TA' KWOTAZZJONIJIET: – ORGANISING OF MAKE UP FUNDAMENTALS COURSE**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-iskedi ta' kwotazzjonijiet li daħlu :-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sandy Maris Mallia | €75 / 4 lessons |
| 2. | Donna Pullicino | €55 / lesson |

**I**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex tintaghzel l-kwotazzjoni l-aktar vantaggjuza kif gie rakommandat mill-Bord tal-Edukazzjoni ffurmat minnha, mill-Kunsilliera Bjorn Azzopardi u Robert Cremona, jigifieri dik ta' Sandy Maris Mallia peress li offriet li taghti certifikat internazzjonali lill-istudenti taghha u peress li ghandha kwalifiki aktar rikonoxxuti.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-Ghaxar (10) Kunsilliera**. Hadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni.**

**09/05/04 SEJĦIET TA' KWOTAZZJONIJIET: – SERVIZZI IPPROVDUTI MIN-NURSERIES SPORTIVI**

Is-Sindku Rosianne Cutajar ipproponiet biex il-Bord tal-Aggudikazzjoni ikun iffurmat minn :

Is-Sindku Rosianne Cutajar, il-Vici-sindku Jesmond Aquilina u l-kunsilliera Antoine Saliba Haig u Margaret Mercieca.

Il-Kunsill qabel nem.con. Il -Bord ghandu jiltaqa' man-nurseries li tefghu l-applikazzjonijiet taghhom.

**09/05/05 SEJĦIET TA' KWOTAZZJONIJIET: – SUPPLY AND INSTALLATION OF WOODEN BOOK BOOTH**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-iskedi ta'

kwotazzjonijiet li daħlu :-

1. Celtic Woodworks €2800
2. Mac Trading Ltd €14,200

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex tintaghzel l-orhos kwotazzjoni ġaladarba it-tlett kwotazzjonijiet mitfugħa huma *technical compliant.*

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur l-Ghaxar (10) Kunsilliera**. Hadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni. Is-Sindku ipproponiet li ghalissa issir Wooden Book Booth wahda, fil-Gnien Federico Maempel peress li f'dan il-gnien ser ikun hemm CCTV. Il-Kunsill qabel.**

**09/05/06 SEJĦIET TAL-OFFERTI: – CCTV FI GNIEN FEDERICO MAEMPEL**

Is-Sindku Rosianne Cutajar ipproponiet biex id-dokumenti tal-offerti jigu evalwati minn persuna teknika qabel ma tittiehed decizjoni.

Il-Kunsillier Jason Busuttil offra li jevalwa l-offerti huwa, peress li ghandu esperjenza u kompetenzi f'dan il-qasam.

Il-Kunsill qabel nem.con biex il-Kunsillier Jason Busuttil jevalwa l-offerti u jghaddi rapport tekniku lill-Kunsill.

**09/05/06 RAPPORT DWAR PC 15/2009**

Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet rapport maghmul mill-perit tal-Kunsilll dwar PC 15/2009. **'DOK C'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar irreferiet ghal dan ir-rapport kif ukoll ghal-laqgha li saret mal-kamra tan-nar ta' San Sebastjan fejn gie ddeterminat li l-izvilupp propost ghad-dar tal-anzjani fis-sit indikat fuq PC15/2009 jinsab f'zona ta' anqas minn mitejn metru minn fejn jinharaq in-nar. Ghaldaqstant, il-Kunsill ma jistax ibiddel il-pozizzjoni tieghu u ma jistax ikun favur dan il-progett li jikkomprometti x-xoghol ta' wahda mill-ghaqdiet lokali.**

**Il-Kunsill qabel nem.con dwar din il-pozizzjoni tal-Kunsill rigward l-proposta ta' zvilupp ta' dar tal-anzjani f'dan is-sit.**

**09/05/07 ABBOZZ TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTI TAL-HERITAGE TRAIL**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta d-dokumenti tal-offerti relatati mal-progett tal-Heritage Trail li huwa parzjalment finanzjat mill-Unjoni Ewropea. It-tlett dokumenti tal-offerti huma dawn:
Xoghlijiet ta' titjib quddiem il-kappella ta' Tal-Hlas 'DOK D'
Xoghlijiet ta' titijib fil-bandli ta' Tal-Blat 'DOK E'
Manutenzjoni ta' Hitan tas-Sejjieh u xoghlijiet fil-passaggi 'DOK F'

**Il-Kunsil approva nem.con dawn id-dokumenti li ghandhom jigu ippubblikati fuq il-Malta Independent ta' nhar il-Erbgha 21 ta' Novembru 2012 u fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Novembru 2012.**

**Il-Kunsill qabel li jigu iffurmati il-Bordijiet tal-Aggudikazzjoni fil-laqgha sussegwenti.**

**09/05/08 RAPPORT TAS-SEAP**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta r-Rapport tas-SEAP ippreparat mill-espert mqabbad mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, sabiex jigi pprezentat mill-Convenant of Mayors. Il-Kunsill approva nem.con dan ir-rapport. **'DOK G'**

**09/05/08 SKEMA TAL-ATTIVITAJIET**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-erba' applikazzjonijiet li l-Kunsill applika taht l-iskema tal-attivitajiet kulturali. Dawn l-applikazzjonijiet huma dwar l-attivitajiet kif deskritt hawn taht: **'DOK H'**
Casal Fornaro
Festival tar-Rebbiegha
Festa tal-Harifa
Malta Records Festival

**09/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'I 1-5**

1. Ittra minn Banda Anici sabiex jinfurmaw lill-Kunsill li x-xelter li ghandhom jinsab ghad-dispozizzjoni tal-Kunsill bi hlas f'kaz li l-Kunsill ikun jixtieq jaghmel attivita' fih. Il-Kunsill ha nota

ghalkemm xtaq jirrimarka li l-Kunsill ghin diga bizzejjed sabiex dan ix-xelter seta' jinfetah mill-Banda Anici.

2. Ittra minn Banda Anici infurmaw lill-Kunsill li ser johorgu pubblikazzjoni dwar l-istorja tal-Ghaqda li s-sena d-diehla ser ticcelebra il-25 sena anniversarju. Il-Kunsill qabel nem.con li din il-pubblikazzjoni tkun dik iffinanzjata skont il-ftehim kuntrattwali li hemm bejn il-Kunsill u l-baned.

3. Ittra minghand il-Banda Anici fejn talbu biex il-marc mit-tlett baned f'Jum Hal Qormi 2013 isir il-Gimgha 24 ta' Mejju 2013 minflok is-Sibt 25 ta' Mejju 2013. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba peress li Jum Hal Qormi jigi ccelebrat fil-jum proprju.

4. Ittra minn Ghaqda ta' Triq il-Habbiez sabiex il-Kunsill jghin fid-dawl dekorattiv fil-perjodu tal-Milied. Il-Kunsill qabel li japprova li jhallas l-ispejjez tal-applikazzjoni tal-Enemalta (Eur130) u liema fondi jittiehdu skont l-allokazzjoni stabbilita fil-mozzjoni nru 49.

5. Memo 40 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ghal-Librerija fejn il-Kunsill qabel unanimament li ghandu japplika ghal din l-iskema il-massimu tal-ammont ghaz-zewg libreriji, dik lokali ta' San Gorg u dik regjonali ta' San Sebastjan.

6. Talba mis-Segretarju Ezekuttiv biex il-*vacation leave* il-bilanc ta' 192 siegha li ma hax matul din is-sena jigu akkumulati ghas-sena 2013. Il-Kunsill approva din it-talba.

7. Ittra minn persuna li giet mitluba thallas tas-servizz tal-*high up* li tqabbad mill-Vici-Sindku fil-maltempata tat-3 ta' Settembru 2012. Il-Vici-Sindku xtaq jirrimarkja li huwa qabbad lil dan tal-*high up* sabiex seta' jnehhi vettura li ingarret mill-ilma u li kienet qed timblokka l-ilma tax-xita taht il-pont, u li ghaldaqstant ghamel dan biex din titnehha immedjatament minhabba l-emergenza tal-kaz. Il-Kunsill qabel li jhallas lis-sid tal-*high up* li ta s-servizz, izda li ghandu jinsisti mas-sid il-vettura biex ihallas ta' dan is-servizz.

**09/07 INFORMAZZJONI**

**09/07/01** **Il-Kunsilier Sean Meli** ta rendikont tal-hidma tieghu bhala kunsillier fejn semma dan li gej:-
*Walking Club* – saru hames mixijiet u fl-24 ta' Novembru ha ssir mixja f'Had Dingli
*Health Talks* – sar programm ta' tahdidiet dwar is-sahha u fost ohrajn fil-Jum tad-Dijabete' saru testijiet taz-zokkor b'xejn li ghalih marru 102 persuna.
Sigurta' fl-attivitajiet – qeghdin isiru laqghat mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili dwar pjan ta' evakwazzjoni fejn hemm pompi tal-fuel f'zoni residenzjali.

*Planting Day* – flimkien mas-Sindku Rosianne Cutajar ser tigi organizzata attivita fuq gurnata fejn jigu pjantati xi pjanti madwar il-lokalita'.

**09/07/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li x-xoghol fil-libreriji jinsab ghaddej fejn inxtraw il-kompjuters u t-tabelli bil-hinijiet gew ordnati. Il-Kunsill ser jippartecipa f'Jum il-Libreriji fil-5 ta' Dicembru 2012.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** kompla li diga bdew 12-il kors filwaqt li korsijiet ohrajn bhal *First Aid*, *Leadership Skills*, *Parental Skills*, *Drama* u *Make-up* ser jigu rriklamati fid-Dielja.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ikkonkluda li l-Kummissjonijiet tal-Periferiji qed jiltaqghu b'mod regolari fejn gie ssuggeriet biex fiz-zona tas-Shopwise isiru marki tat-traffiku bhal double yellow lines fil-kantunieri u Stop signs. Il-Kunsill approva nem.con

**09/08** **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 03 ta' Dicembru 2012 fis-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:45 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)